# Il-Ħuttafa

## Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf



Gallozz tax-Xitwa

BirdLife Malta

Klabb Ħuttaf

Numru 47 Novembru - Diċembru 2001

BirdLife MALTA

# EDITORJAL

## F'dil-ħarġa...


| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijet | 3 |
| Kompetizzjoni 47 | 3 |
| X'għandna mid-Dinja? | 4 |
| Avviżi | 4 |
| Il-Gallina | 5 |
| Spot Natura | 6 |
| Gallerija | 6 |
| Filfla: tifrik u tifkiriet | 7 |
| Kun Berdwoċer 6 | 8 |
| Falkonati | 9 |
| Attività | 9 |
| Dad-Dawl kollu! | 10 |
| Mur aqbad ktieb | 11 |
| Biex niċċajta | 11 |
| Daħħal membru | 11 |
| Kalendarju 2002 | 12 |


MALTA WEB AWARDS 2001
FINALIST

**Il-websajt tagħna qiegħda finalista tal-Malta Web Awards! Prosit lil sieħibna Denis Cachia li jieħu ħsiebha!**






Ħbieb Huttaf,

**Hawn nies għandhom kilba biex jaraw x'jistgħu jiddubbaw min-natura.**

**Tarahom** max-xatt bil-mus f'idejhom jaqilgħu l-imħar minn mal-blat, qishom se jmutu bil-ġuħ!

**Tarahom** jinżlu f'qiegħ il-baħar u jtellgħu boroż sħaħ ta' rizzi, dan kollu biex jiklulhom dik it-tikka bajd oranġjo li jkun fihom. Ar'hemm, hej, x'ikla dik!

**Tarahom** jaqbdu l-granċijiet, jaqilgħulhom saqajhom ħalli joqogħdu jsoffuhom! Bil-mod, ara tixirqu!

**Tarahom** bil-qasba f'xatt il-baħar, biex jaqbdu xi erba' braqex, ħalli mbagħad jispiċċaw tikolhom il-qattusa. Basta qabduhom!

**Tarahom** iżarmaw ħitan tas-sejjieħ biex isibu l-bebbux, u jiġbru basktijiet sħaħ. Ara se taqgħalhom żaqqhom!

**Tarahom** jisparaw fuq alwett u mlievez, biex imbagħad isajruhom: mur ara kemm platti laħam timla minn ġisem ta' alwetta!

Għaliex hux? Jien naħseb li dawn kollha drawwiet ta' żmien ilu, meta f'Malta kien hawn ħafna ġuħ u faqar. Dak iż-żmien kull ħaġa li tista' tikolha kienet importanti, għax aħjar borma bebbux milli torqod b'żaqqek vojta. Imma dan kien *sekli* ilu! Illum dak iż-żmien ikrah għadda, u f'Malta spiċċa l-faqar u spiċċa l-ġuħ.

Imma d-drawwiet baqgħu! Flok bżonn saru passatemp. Illum jinżlu għar-rizzi u jistadu bil-qasba u jmorru għall-kaċċa fil-ħin liberu. Dawn id-drawwiet illum m'għadx hawn posthom, u hija n-natura li qiegħda ssir fqira għax kulħadd jieħu u jieħu minnha. Qegħdin fis-Seklu 21, imma għadna bid-drawwiet tal-MedjuEvu!

Jiena, ħbieb, inħalli f'idejkom iż-żgħar u ż-żgħażagħ biex iġġibu lil Malta fiż-żmien li suppost! Għax intom l-irġiel u n-nisa ta' għada!

Ċaw ħbieb, u jekk ma narakomx: Il-Milied it-Tajjeb!

Victor



**Victor Falzon**
Editur

(Jien u nikteb dan l-editorjal ġej sparar kontinwu minn barra. Bdiet xi gwerra? Le, għaddejjin l-imlievez, u naħseb dawk li qed jisparawlhom kollha mejtin bil-ġuħ!)

Jason Aloisio, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon, Victor Falzon, Justin Vassallo

Indirizz: **BirdLife Malta, 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12**
Tel: **21347646** Fax: **21343239** email: **info@birdlifemalta.org**
website: **www.birdlifemalta.org**
email tal-magazin: **ilhuttafa@birdlifemalta.org**

Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, l-isem BirdLife f'din il-publikazzjoni jirreferi għal BirdLife Malta.
Materjal minn *Il-Huttafa* jista' jiġi kkupjat dment li mhux għal skopijiet kummerċjali, dment li jissemma' isem il-magażin u dment li tintbagħat lill-BirdLife kopja tal-materjal fejn ġie kkupjat.

Publikazzjoni: BirdLife Malta
Produzzjoni: Victor Falzon
Faċċata ta' quddiem: **Gallozz tax-xitwa** (ritratt ta' Denis Cachia)
Faċċata ta' wara: Il-Kalendarju l-ġdid tas-sena 2002.
Stampat: Poulton's Print Shop, Novembru 2001

EURONATUR
*Ħajr EURONATUR*

Klabb Huttaf

Klabb Huttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt is-sittax. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, serati kraft u anke nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin ***Il-Huttafa*** kull xahar ejn għall-membri, u nagħmlu ħendawts u logħob għal waqt l-attivitajiet. Sħubija fi Klabb Huttaf hija Lm2 fis-sena.

# delFINE



**Miet il-famuż denfil ta' Birżebbuġa. Kien jidher ċar li għandu xi ħaġa ħażina, imma min qal ħaġa u min qal oħra, min biex jiffranka battikata u min għax ma kienx ikun jaf x'se jaqbad jagħmel b'denfil marid, Sadattant saħħet l-0annimal baqghet sejra lura, u wara li seraq qalb in-nies kollha li rawh, il-povru denfil żagħżugħ miet. Basta kulħadd jippoża ta' espert. Uuuu, għall-paroli ninqalgħu kieku!**



# Sturdament Sturnell!

L-isturnell (starlings) magħrufin kemm iħobbu joqogħdu fi qtajja' kbar. Daż-żmien tas-sena komuni li f'Malta naraw qatgħat ta' mijiet ta' sturnell itiru jew jistrieħu fuq wajers tad-dawl. Kultant in-numri jkunu fenomenali.

Fl-4 Novembru seħibna berdwoċer John Azzopardi dam tliet kwarti jara qatgħa wara qatgħa ta' sturnell għaddejjin fl-inħawi ta' San Pawl il-Baħar. B'kollox ikkalkula li kien hemm mal-**15,000** għasfur! Waww!

# KOMPETIZZJONI 47



*Norman Chetcuti*
*Captain Hook*

## Bloqq!Bloqq!Bloqq!

Mijiet ta' snin ilu għereq dal-ġifen ta' żmien l-iSpanjoli. Imma milli jidher kienu avvanzati sew għal żmienhom, għax mal-ġifen niżlu wkoll xi affarijiet ta' żmienna! Ara ssibux moħbijin fl-istampa...



- **risijver tat-telefown**
- **sett tat-televixin**
- **par ħedfowns**
- **flixkun luminata**
- **skejtbord**
- **kamera tar-ritratti**
- **wokmen**

Ħudu fotokopja ta' l-istampa, immarkaw l-affarijiet u ibagħtuhielna (indirizz paġ2). Jew immarkawhom fuq il-magażin, skenjaw l-istampa u ibagħtuhielna jpeg bl-email (paġ2).Tinsewx isimkom u l-indirizz! Tqasqsux il-magażin għax titilfu!

Ċans għandkom sa **10 Jannar 2002**. Min jirbaħ jingħata sett kartolini ta' l-għasafar.

### *Kompetizzjoni 46*

Ir-rebbieħ kien Kenneth Cauchi minn Ħ'Attard. Prosit Ken, kemm sibthom malajr!

U bilħaqq, skużawna għax l-aħħar darba ħarġitilna *Kompetizzjoni 45* flok *46*! U iiiva!

# Foresti fis-sħab

Fost id-diversi tipi ta' foresti nsibu dawk imsejħa *cloud forests*. Jgħidulhom hekk għax peress li jikbru fil-muntanji, jagħmlu ħafna ħin mgħottijin biċ-ċpar u s-sħab. Il-*cloud forests* huma ekosistemi prezzjużi ħafna, għax fihom jgħixu eluf ta' speċi ta' flora u fawna li ma jinstabu imkien iktar fid-dinja. Is-sħab u ċ-ċpar f'dawn il-foresti huma essenzjali biex iżommu umdità għolja ħafna, u jipprovdu ambjent uniku għal ħafna speċi. Imma sfortunatament il-*cloud forests* huma mhedda.

Wara studji li saru f'Costa Rica, xjenzati qed jindunaw li mhux biżżejjed li tipproteġi l-foresta biex issalva l-ekosistema. Dan għaliex il-qtugħ ta' ħafna siġar fl-art il-baxxa ta' madwar il-*cloud forests* ta' Costa Rica qed iwassal għal tibdil fl-atmosfera, u dan il-bdil qed jaffettwa l-*cloud forests*. Fil-fatt qed jonqos is-sħab u ċ-ċpar fuq il-foresta. Mhux hekk biss, imma das-sħab qed jinstab dejjem iktar fl-għoli u b'hekk iktar bogħod mis-siġar li tant jeħtieġu l-umdità. In-naturalisti qed jindunaw li jekk iridu jsalvaw il-foresti jridu jħarsu anke l-pajsaġġ tal-madwar.

*Elisabeth Conrad*








Il-cloud forests huma ġenna ta' l-art ... amfibji, għal daż-żrinġ ...

# Ejjew għal ħwejjiġkom!

Dawn il-membri għadhom ma ġabrux il-premjijiet li kienu rebħu meta ħadu sehem fil-maratona ta' Marzu li għadda!

**Paul Calleja, Damian Micallef, Danielle Busuttil, Shaun J Micallef, Karl Damato, Timothy J Falzon, Juan Ellul Pirotta, Marco Calleja, Oriana J Chircop, Matrix J Chircop, Roxanne Testa, Keith Vassallo, Andrew Agius, Bruce Micallef Eynaud, George Micallef Eynaud, Stephen Micallef Eynaud, Shaun Grech, Mandy Zammit, Luke Grech, Andrew Falzon, Daniel Mangion, Marie Noelle Ciantar, Rebecca Baldacchino, Franco Farrugia, Ryan Bonett, Tony Farrugia.**

Dawn il-membri mitlubin iċemplu lil BirdLife (21347646) ħalli jkunu jistgħu jirranġaw biex jiġbru l-materjal tagħhom. Peress li l-materjal huwa xi ftit goff, impossibli nibagħtuh bil-posta.

**Min iġedded il-miżata fil-Klabb jasallu poster IEĦOR mis-sett Ħieles, Ħaj u Sabiħ! Titilfuhx!**

**Żuru l-istand tal-BirdLife f'Bay Street.**

**Dati:**

**09 Diċembru 2001**

**15 Diċembru 2001**

**16 Diċembru 2001**

# Il-Lotterija... u l-bqija!

***Ftakru*** *f'dik il-Lotterija tas-Simar.* ***Nisperaw*** *li qegħdin tbiegħu biljetti bl-addoċċ!* ***Ftakru*** *li kull pakkett li tbiegħu iddabbru 20 punt fil-Ħuttafa tas-Sena.*

***U għalhekk*** *did-darba bqajna ma ġibniex il-lista tal-finalisti, ħalli nagħtukom ċans sa l-aħħar!*

***Il-premjijiet*** *xorta se nqassmuhom dakinhar tal-party, u lill-finalisti se ninfurmawhom bit-telefown.*




# il-Gallina

**F'daż-żmien tal-ħarifa u tax-xitwa, forsi l-aħjar post għall-berdwoċing huma l-widien. Fil-qigħan tal-widien jinbtu nixxigħat żgħar u jitfaċċaw għadajjar ta' l-ilma. Is-siġar jieħdu r-ruħ u l-ħxejjex jistejqru wara sajf twil u xott. Dan ifisser li ħafna għasafar isibu l-kenn u l-ikel fil-widien tagħna. Wara kollox in-natura hija nisġa waħda u l-għasafar huma biss ħolqa minn ambjent sħiħ.**

Waħda mis-sorpriżi sbieħ li joffri l-berdwoċing f'dan iż-żmien hija l-**gallina**. Il-gallina hija skarsa imma mhux rari, u tidher bejn Ottubru u Diċembru, l-aktar f'Novembru. Sa xi 20 sena ilu l-gallina kienet rari: tant hu hekk li fi żmien l-Ingliżi, meta fil-Buskett kienet tintlemaħ xi waħda, kienet tittella' bandiera fuq il-Palazz Verdala u l-Gvernatur kien imur malajr il-Buskett biex jikkaċċjaha!! Illum saret iżjed komuni u ġieli jiġu ġranet meta jidher ħafna gallin. Imma dawn il-ġranet tgħoddhom fuq is-swaba' t'id waħda u ġeneralment berdwoċer li joħroġ regolarment jara 2-3 galliniet kull passa.

Il-widien huma l-ambjent favorit tal-gallina imma tħobb ukoll postijiet bis-siġar u kultant tittajjar ukoll mill-għelieqi jew minn fuq ix-xagħri. Ngħid titajjar għax il-gallina tant tistaħba tajjeb li diffiċli ħafna taraha jekk ma ttajjarhiex.

Il-kuluri tal-gallina huma kamuflax perfett ma' l-ambjent li tgħix fih. Tixbah ħafna l-lewn tal-weraq niexef u t-terriċċju li jinġabar taħt is-siġar. Mill-viċin ir-rix tal-gallina juri reqqa kbira, sinfonija ta' lwien fuq il-kannella u l-kafellatte. Mill-bogħod il-gallina tidher qisha biċċa njama jew skoss weraq mitluq fl-art. Fid-daqs ftit ikbar minn ħamiema imma iktar imbaċċa, u munqarha twil ħafna biex bih taqbad dud u insetti rqaq mill-art niedja.

Il-gallina mhux biss tpassi minn Malta, imma spiss tipprova tqatta' x-xitwa magħna wkoll. Ovvjament il-gallin huwa mfittex ħafna mill-kaċċaturi u jinqatel kważi kollu (ħaġa tal-biki li f'Malta ma tistax issemmi l-għasafar bla ma ssemmi l-kaċċaturi!). Però kultant jibqa' xi waħda f'xi wied imwarrab.

Niftakar meta kont ninżel Wied Għajn Zejtuna ħdejn il-Mellieħa (qabel ma ntradam kompletament mill-bini) ġieli kont ninnota l-gallin iqatta' x-xitwa. Kien jiġi f'Novembru u jitlaq f'Marzu; bi nhar jistaħba u jorqod u bil-lejl joħroġ jittajjar u jfittex l-ikel. Kont nilmaħ xi wahda tittajjar ma' l-għabex jew filgħaxija eżatt qabel jidlam.

Kienu dehriet li diffiċli ninsiehom, forsi għax ifakkruni f'ambjent uniku, dak ta' wieħed mill-isbaħ widien f'Malta li llum intilef għal kollox.

*Mark Anthony Falzon*



Il-**gallina** hija waħda minn dawk l-għasafar sfortunati li l-liġi tħallik tispara fuqhom!

**Ingliż: Eurasian woodcock**
**Xjentifiku:** ***Scolopax rusticola***

## Spot Natura

Jason Aloisio



MORINA hija waħda inn tliet speċi ta' allur li jgħix fl-ibħra altin. It-tnejn l-oħrajn uma s-SALLURA (il-RINGU.

# Is-Sallura

Fl-imgħoddi aktar mil-lum kienet id-drawwa li fil-bir tad-dar tintefa' sallura biex l-ilma ma jdewwidx u jibqa' tajjeb għax-xorb. U mid-dehra, f'dak id-dlam taqtgħu b'sikkina, is-sallura kien jirnexxilha tibqa' ħajja. Xi tkun din il-ħuta stramba li l-għamla tagħha tfakkrek fis-sriep?

Is-sallura tikber sa madwar metru. Tiżloq ħafna għax l-iskwami tagħha huma żgħar ferm u mdaħħlin f'xulxin. Tgħix fl-ilma baħar, imma ma taħsibhiex darbtejn biex waqt xi maltempata gwappa titla' tgħum kontra l-kurrent ta' l-ilmijiet niżlin minn xi wied lejn il-baħar. Meta l-baħar fl-iMsida kien għadu jasal sa fejn illum hemm il-monument tal-ħaddiem, it-tfal ta' l-inħawi kienu jistadu għas-sallur minn ġo l-Għajn tal-Ħasselin, fejn l-ilma huwa salmastru.

Matul il-jum, is-sallur jistaħba fit-tajn jew ramel tal-qiegħ. Meta jidlam joħroġ iħuf għall-ikel. Il-kapaċità tas-sallur li jsib l-ikel fid-dlam hi r-raġuni għala din il-ħuta kien jirnexxielha tgħix fil-bjar. Imma ngħiduha kif inhi: kieku jien kont sallura, xorta waħda kont nippreferi ngħum fil-baħar milli waħdi fl-għeluq tal-bir tan-nanna Gerit!

Is-sallura tibda ħajjitha bħala ħuta daqs nitfa u trasparenti qisha ħġieġa. Meta tfaqqas titla' fil-wiċċ bis-saħħa ta' qatra żejt li jkollha f'ġisimha. Tibqa' fil-wiċċ fejn tinġarr mal-kurrent. Tiekol ħlejjaq mikroskopiċi sakemm bil-mod il-mod tibda tikber u tieħu l-għamla tipika tas-sallura.

Kuġina tas-sallura magħrufa sew ma' l-għaddasa hija l-morina. Din tkun ikbar u eħxen u tħobb tistaħba fix-xquq u toqob fil-blat. Ħafna għaddasa jibżgħu minnha minħabba l-gidma perikoluża li għandha. Iżda ssib oħrajn li jieħdu gost jitimgħuhom xi rizza jew ħuta u maż-żmien tista' tgħid jimmansawhom tant li jitħallew jitmellsu!



**bebbuxu**
karl vella 9

**pitirross**
katya mercieca 10





**denfil**
robert said 12



**kudirross blu**
daphne anne pollacco 7

**daqquqa tat-toppu**
jeffrey sciberras 11












Ritratt Joe Sultana • xogħol bil-kompjuter Victor Falzon

# Filfla: tifrik u tifkiriet!

**Nistħajjilha ħadida tal-mogħdija kbira qed tillixxa t-tikmix tal-baħar! Weħidha weħidha f'nofs baħar, bla ma trid għajnejk jieqfu fuqha! Kulħadd jagħrafha lil Filfla, għax għandha forma unika. Imma kontu tobsru li sa ftit tas-snin ilu Filfla kellha forma differenti! X'ġara?**

Sas-sena 1979, Malta kienet f'idejn l-Ingliżi, u l-Ingliżi kellhom hawnhekk skoss ajruplani u vapuri tal-gwerra. Dawn biex jittrejnjaw fl-isparar, kienu jipprattikaw billi jimmiraw l-armamenti tagħhom fuq Filfla għax din qisha vapur f'nofs baħar. U miskina Filfla bdiet nieżla fuqha xita ta' bombi ta' kull daqs! Dan it-*target practice* dam sejjer skoss snin, u ftit ftit Filfla bdiet titfarrak u tiġgarraf. Mhux ta' b'xejn dak it-tifrik ta' blat madwarha.

Il-bombi għamlu ħsara kbira lill-gżira, imma ġara wkoll li x-xquq u l-blat u t-tifrik ħolqu ambjent perfett għal ħafna ċief u kanġi!!! Fil-fatt llum-il ġurnata eluf minn dawn l-għasafar jiġu jbejtu fiha kull sena u jrabbu l-frieħ fuq din in-nitfa ta' gżira! Tant hu hekk li Filfla hija riserva naturali importanti immens għall-għasafar.

L-Ingliżi waqfu jtfgħu bombi fuq Filfla meta l-BirdLife (dak iż-żmien kien jisimha MOS) bdiet tipprotesta ma' l-awtoritajiet. L-aħħar bomba ntefgħet fis-snin Sittin.

Imma l-istorja tkompli. Veru li llum ħadd m'għadu jitfa' bombi fuq Filfla, imma povra gżira xorta waħda qed tkompli taqa' biċċa biċċa. Dawk is-snin kollha ta' damdim u theżżiż ħallew ħafna xquq serji fil-blat, u ftit ftit (speċjalment bil-maltemp u l-baħar imqalleb u s-sħana u l-kesħa) dawn ix-xquq qed jinfetħu, u spiss iċedi xi ċangun jew tiżżerżaq xi biċċa oħra mis-sies. Tgħid xi darba għad nitilfuha kollha dil-gżira għażiża? Min jaf?

Fuq ix-xellug qed nurukom tliet ritratti ta' Filfla. Tan-nofs huwa l-veru u juri kif inhi Filfla llum. Iż-żewġ ritratti l-oħrajn sar ftit tbagħbis bil-kompjuter fuqhom!!!

Fir-ritratt ta' fuq erġajna bnejna l-parti mwaqqgħa, b'irdum sabiħ u sħiħ, biex nieħdu idea dwar kif setgħet kienet Filfla qabel ma bdew il-bombi.

Fir-ritratt t'isfel nett għamilna bil-maqlub: komplejna nnaqqru mill-blat biex nagħtu ħjiel ta' x'jista' jiġri fis-snin li ġejjin (nisperaw li ma jiġrix hekk!). Li jinkwieta lilna li nħobbu n-natura huwa l-fatt li l-baħar qiegħed naqra naqra jkaxkar il-blat li hemm imwaqqa' madwarha. Jekk dan jinkines kollu ser jintilef il-ħabitat għall-bejtiet tal-kanġu! Fil-fatt l-esperti tal-BirdLife diġà nnutaw li dawn l-aħħar snin in-numru ta' kanġi naqas kważi bin-nofs minn fuq Filfla!

Tgħid dil-povra blata, li fuqha tant rat vjolenza fl-imgħoddi, anke l-għasafar għad jabbandunawha?

*Victor Falzon*

# Kun berdwoċer 6

**Issa li tafu fejn tistgħu tmorru taraw l-għasafar fir-rebbiegħa u fis-sajf tajjeb li nsemmu l-postijiet tajbin fil-ħarifa u fix-xitwa.**

## Fejn fil-ħarifa?

Il-ħarifa, bħar-rebbiegħa, hija tajba għall-għasafar tal-passa. Din id-darba l-għasafar ikunu niżlin mill-Ewropa biex igħaddu x-xitwa fil-Mediterran jew fl-Afrika fejn il-klima tkun sħuna u fejn isibu ħafna ikel.

F'Awwissu l-aktar għasafar li tista' tara huma l-għasafar tax-xtut (waders). L-aħjar żewġ postijiet biex tmur tara dan it-tip ta' tajr f'dan iż-żmien huma r-riserva ta' l-**Għadira** u s-**Salina** (ħdejn Kennedy Grove). L-iktar frekwenti huma l-monakella, it-tertuxa, il-begazzina tat-tiżż, il-pespus tal-baħar u l-begazzina tar-rokka. Awwissu huwa wkoll l-aħjar xahar biex tara l-għasfur ta' San Martin.

Settembru huwa meqjus minn ħafna berdwoċers Maltin bħala l-isbaħ xahar għall-passa f'Malta, speċjalment għat-tajr tal-priża u għall-irsieset. L-aqwa post f'dan iż-żmien huwa l-**Buskett**, fejn tista' tinzerta qtajja' kbar ta' tajr tal-priża jpassu fis-sema minn kmieni wara nofsinhar u aktar tard jibdew anke jinżlu jorqdu fis-siġar folti tal-Buskett. Kuċċard, bgħadan ħomor, isqra tal-ħannieqa u spanjuletti huma l-iktar komuni imma tista' tara diversi speċi oħrajn. L-aħjar riħ għat-tajr tal-priża f'daż-żmien huwa riħ isfel ħafif. Tista' wkoll tara xi qatgħa rsieset għaddejjin fuq il-Buskett, u anke qerd in-naħal fil-wied.

F'Ottubru u Novembru tista' tmur berdwoċing prattikament kullimkien, għax ikun hawn diversi tipi t'għasafar. Bħal Marzu, dan iż-żmien huwa tajjeb għall-borok, speċjalment għas-silfjuni. Jidhru hija f'qamar kwinta. L-aħjar inħawi għalihom huma x-**xtut tal-Ivant.**

Il-**Buskett** huwa wkoll tajjeb għal diversi għasafar. Ottubru jkun għadu tajjeb għat-tajr tal-priża, speċjalment xi ajkla. Mlievez, alwett, pitirrossi, buċaqq tax-xitwa, kudirrossi suwed, għasafar ta' l-għana, psiepes u zizka bojod ikunu kullimkien daż-żmien, u tista' tarahom bil-kwiet anki **fil-ġnien** jew qrib id-dar. Ħafna minnhom jibqgħu wkoll ix-xitwa magħna.

## Fejn fix-xitwa?

Fix-xitwa hemm diversi postijiet fejn tista' jmur. Ir-riservi ta' l-**Għadira** u s-**Simar** huma ideali għal ftit bedwoċing fil-kwiet. Hemm għandek tara l-blonġun sekond, xi borok slavaġ, il-gallozz iswed, it-tiġieġa tal-baħar u l-għasfur ta' San Martin, kif ukoll ħafna għasafar żgħar bħal vjolini tax-xitwa, pitirrossi, psiepes eċċ. (li tista' tara anki f'postijiet oħrajn). Dawn l-għasafar jgħaddu t-tliet xhur tax-xitwa hawn Malta, imbagħad imorru lura l-Ewropa fir-rebbiegħa.

Post ieħor tajjeb huwa l-**portijiet**. F'dan iż-żmien numru kbir ta' gawwi jidħol għall-kenn tal-portijiet. L-iktar komuni huma



birdlife malta pictures

l-gawwija prima u l-gawwija rasha kannella.

Dan huwa wkoll żmien ir-*roosting*, jiġifieri meta qtajja' kbar jinġabru f'post wieħed biex jorqdu flimkien. L-isturnell u z-zakak abjad huma l-iktar żewġ speċi - flimkien ma' l-għasfur tal-bejt - li jispikkaw f'daż-żmien tas-sena. Hemm diversi *roosts* kbar għall-isturnell f'Malta u Għawdex - dan l-aħħar l-ikbar waħda qiegħda tkun **Buġibba** fejn eluf kbar ta' sturnell qegħdin jorqdu f'xi tliet siġriet kbar li hemm. Huwa verament spettaklu tarahom ġejjin fi qtajja' enormi u mbagħad jgħoddsu għas-siġar. L-istorbju li jagħmlu fis-siġar huwa inkredibbli, u miskin min jipparkja l-karozza taħt xi siġra fejn jorqdu l-isturnell!

Filwaqt li l-isturnell issibhom f'diversi postijiet fil-gżejjer Maltin, iz-zakak abjad jinġabar għall-irqad f'żewġ postijiet ewlenin - wieħed f'Għawdex u wieħed f'Malta. Ta' Malta qiegħed fi **Pjazza Assedju l-Kbir** quddiem il-qorti fil-Belt Valletta fejn tista' tara eluf niżlin qabel ma jidlam, ġejjin minn kull parti tal-gżira.

Widien u postijiet oħrajn dan iż-żmien jieħdu r-ruħ peress li tagħmel ix-xita. Kullimkien ikun aħdar u mimli ħajja u huwa verament gost timxi fil-kampanja f'dan iż-żmien, u tara l-għasafar komuni tax-xitwa.

*Edward Bonavia*



Joe Sultana



*Ħbieb Falkuni...*

*Ninsabu nittajru sod u fl-għoli (inkella jisparawlna).*

*Aħna bħala grupp li nattendu regolarment issa qbiżna t-30, u nofshom nistgħu ngħidu li ma jfallux attività waħda!*

*L-attività tas-Simar kellna nippostponuha (l-ewwel darba li ġara hekk f'attività 13+). Dan għaliex bix-xita li għamlet il-ġurnata ta' qabel, il-ħamrija fir-riserva saret tajn u la stajna nħaffru, la nħawlu s-siġar, la naqilgħu pajpijiet qodma, la nqiegħdu d-drip il-ġdid u lanqas nixxreddjaw qasab. Imsomma x-xita ma ħallietna nagħmlu xejn. Konna sejrin mixja minflok, imma xi leaders ma setgħux. Għalhekk il-ħarġa issa se ssir fit-**13 Diċembru 2001. Ħinijiet kollox bħad-darba l-oħra.***

*Ftit ilu l-PBS stidnuna fuq programm għaż-żgħażagħ jismu **Baraxx**. L-ewwel ħaduna l-Ice Arena, u għamilna 3 sigħat mill-isbaħ intellqu. Ħaġa ta' l-iskantament, dħalna b'ħadd minna ma jaf xejn, u spiċċajna ntellqu!! Im bagħad morna nieklu pizza flimkien. Sewwa qrajtu, aħna tal-Falko ħriġna nieklu flimkien, u tgħidx kemm dħaqna u gawdejna :-).*

*L-għada erġajna ltqajna, did-darba fl-uffiċċju tal-PBS fi Gwardamanġa, fejn ġabuna lajv fil-programm f'Baraxx. Barra li ħadna gost aħna, nisperaw li b'dak il-programm ħajjarna aktar żgħażagħ jibdew jattendu l-attivitajiet tagħna.*

*Narakom*

Justin

***Justin Vassallo** (Ko-ordinatur Falko)*

# Il-Kamp fil-Buskett



Settembru bħas-soltu kien iddominat mill-kamp tat-tajr tal-priża li dis-sena sar bejn 20-23 tax-xahar. B'kollox konna grupp ta' 10, kollha armati bi trombi u gajds lesti għall-għasafar. Sfortunatament, madwar il-Buskett kien hemm ukoll il-kaċċaturi li wkoll kienu lesti għat-tajr, bid-differenza li dawn kienu armati bi snieter u skrataċ.

Iżda dis-sena ma nistgħux ma ngħidux prosit lill-ALE li ħadmu biex naqqsu ħafna mill-massakru tas-soltu. Tajr tal-priża ma tantx rajna għax minħabba r-riħ qawwi passew fl-għoli, però xorta waħda rajna diversi eżemplari bħal **kuċċard**, **spanjuletti** u **seqer tal-ħannieqa**. Rajna wkoll **russet griż**, **daqquqa tat-toppu**, **kuda** u diversi **qerd in-naħal**.

Għalkemm ma tantx konna b'xortina fl-għasafar, xorta ħadna pjaċir bl-attivitajiet tal-Kamp: il-logħob bil-lejl fil-qalba u l-ħemda ta' Wied il-Luq, il-ħajks twal. Darba minnhom sibna gamiema mejta u dfinnieha. Il-Ħadd filgħodu tajna tindifa lill-Buskett, u tgħidx kemm neħħejna skart.

Bħala grupp ħadna gost ħafna, speċjalment meta rajna x-xogħol siewi li qed tagħmel il-BirdLife biex ma ssirx kaċċa fil-Buskett u l-inħawi ta' madwaru.

Inħajru bil-ħeġġa lill-membri li għalqu t-13 biex jibdew jattendu l-attivitajiet tal-Falko.

*André Callus u Stefan Azzopardi*



desirée falzon

# U ara jfettlilkom titilfu l-party!

attività

**Reġa' wasal il-party tal-Milied, u ma jaqblilkomx titilfuh. Din hija waħa mill-iktar attivitajiet popolari mal-membri! Tgħid min jaf għaliex, hux! Forsi minħabba l-ikel, forsi minħabba l-logħob, ir-rigali, il-bużullotti ecc. Imsomma, narawkom!**






Data: **19 Diċembru 2001**
Post: **Skola Primarja Furjana**
Ħin: **6.30pm - 8.30pm**
Età: **Ħuttaf kollha**
Dħul: **Lm1.75** (fil-bieb)
**IMPORTANTI**
Biex tibbukkjaw ċemplu 21347646 (9am-1pm) **mhux wara 16 Diċembru 2001.**





# Dad-dawl kollu!

**Il-kelma tniġġis tfakkarna fi dħaħen u żjut fil-baħar eċċ. Tafu li d-dawl ukoll huwa forma ta' tniġġis? Dan it-tniġġis għandu isem: jgħidulu *light pollution*.**

## Skyglow

Hemm tliet tipi prinċipali ta' *light pollution*. L-ewwel tip huwa dak li jissejjaħ *skyglow*. Qatt rajt s-sħab bil-lejl kulur fir-roża jew fl-oranġjo? Dan jiġri meta d-dwal ma jitpoġġewx sew u flok jixegħlu t-triq jew il-pjazza eċċ, jixegħlu s-sema, fejn jirrifletti minn fuq trab u qtar fin ta' ilma fl-arja. Problema kbira għal min jistudja l-kwiekeb jew min sempliċiment iħobb josserva s-sema bil-lejl.

## Irrid norqod!

Forma oħra ta' *light pollution* isseħħ meta dawl minn proprjetà waħda jispiċċa fi proprjetà oħra. Dan insejħulu *light trespass*. Immaġina dawl qawwi minn dar fil-viċin dieħel mit-tieqa tiegħek bil-lejl f'ħin l-irqad. L-iktar jekk ikun iteptep!

## Dawl żejjed

It-tielet tip ta' *light pollution* hija meta jkun hemm dawl żejjed fuq oġġett. Dan jissejjaħ *glare*, u jista' jkun irritanti għall-għajnejn u ma jħallikx tara sew - u perikli wkoll. Meta tara dawl qawwi qisek tagħma għal ftit sekondi. Issa immaġina sewwieq għaddej bil-lejl fid-dlam, u jidħol f'ċentru ta' belt mimli dwal. Id-dawl qawwi jgħammixlu għajnejh, u kif dan iħares lura lejn it-triq, għal ftit sekondi ma jkun qed jara assolutament xejn!

## U n-natura...

*Light pollution* għandu effetti fuq in-natura wkoll. Ifixkel il-flora u l-fawna għax iħawdilhom iċ-ċikli naturali ta' jum u lejl, jew ta' dawl u dlam. Per eżempju ċ-ċief huma għasafar sensittivi immens għad-dawl: jekk jitfaċċa dawl qawwi ħdejn l-irdum li jbejtu fih, faċilment jabbandunaw il-bejta! Fil-fatt għalhekk il-BirdLife kienet ipprotestat bil-kbir is-sena l-oħra meta kienu se jagħmlu tuna farm taħt l-irdum ta' Ta' Ċenċ. B'dawk id-dwal bil-lejl fuq il-baħar, iċ-ċief kien jitgerrex u addijo l-kolonja famuża! B'xorti tajba l-protesta tagħna kienet irnexxiet!

## Ħela kbira

Dawl żejjed huwa wkoll ħela kbira ta' enerġija u riżorsi naturali - niftakru li biex nagħmlu l-elettriku ara kemm żjut u faħam jinħarqu fil-pawerstejxins, bid-dħaħen li dawn iġibu magħhom. Iktar ma naħarqu faħam u żejt, iktar tikber il-problema tal-*global warming*.

## Tissolva

B'xorti tajba, *light pollution* faċli ssolvih. Kull m'hemm bżonn hu li jintuża dawl adattat (jiġifieri minn dak li juża inqas enerġija) u li l-lampi jkunu immirati b'mod li jarmu d-dawl fejn suppost. B'hekk tuża biss l-ammont li teħtieġ, u ma ssirx ħela.

Faċli kieku, imma kemm hemm rieda biex isir dan? Issib min ma jimpurtahx minn dawn l-affarijiet. Għalhekk irid ikun hemm liġijiet li jġegħluk *bilfors* tuża ċertu tipi ta' lampi, ċertu kwantità ta' dawl skond kemm għandek spazju (per eżempju fi ħwienet), kontroll fuq il-qawwa tad-dawl, kontroll fuq kemm idumu mixgħulin eċċ.

Forsi tgħiduli dawn kollha kontrolli żejda li jnaqqsulna l-libertà. Imma ngħid jien, għandu jkollna l-libertà li naħlu bl-addoċċ? Dawn il-liġijiet ilhom jeżistu f'ħafna pajjiżi, imma hawn Malta l-awtoritajiet għadhom lanqas biss jafu li teżisti ħaġa jgħidulha *light pollution*!!!

**Bi ftit sforz u ftit ħsieb nistgħu nirrimedjaw problema kbira li fl-aħħar mill-aħħar tiffranka lill-pajjiż mill-kont tad-dawl nazzjonali, tiffranka l-enerġija, tgħin is-sigurtà pubblika u jinħoloq ambjent lejli isbaħ, b'sema nadif u iswed bi kwiekeb jiddu.**

*Elisabeth Conrad*



Għaraftuha? Din hija l-Ewropa bil-lejl, mill-ispazju. Sibtuha lil Malta?

# MUR AQBAD KTIEB!






## It-tifel, il-flawt u l-baliena!

Miktub minn Joyce Dunbar
Tpinġija ta' Geoffrey Patterson
Frances Lincoln Ltd

Din hija l-istorja ta' tifel li tant kellu għajnejh żoroq li l-ġenituri tiegħu semmgħuh Indigo. Missier Indigo kien sajjied iżda ibnu ma riedx jaf b'sajd. Kien dejjem idoqq il-flawt u xtaq isir mużiċist. Iżda darba waħda missieru kissirlu l-flawt għax riedu bilfors ikompli t-tradizzjoni tal-familja. Fil-fatt nannuh u bużnannuh kienu wkoll sajjieda fi żmienhom.

Darba missier Indigo kien ma jiflaħx u t-tifel kellu jmur jistad hu biex il-familja jkollha x'tiekol. Imma minflok stad, qabad qasba li tatu ċawla u beda jdoqq. Indigo stagħġeb x'ħin intebaħ li d-daqq tiegħu kien saħħar baliena għal warajh.

Storja ħelwa ta' mużika msaħħra, kant tal-balieni u dinja li għal mument kienet tilfet kull kulur. Tgħid fl-aħħar Indigo sar sajjied kif xtaq missieru jew sar dak li dejjem xtaq isir?

*Janet Gerardi*

*Dal-ktieb issibuh ukoll għas-self mil-Librerija Publika tal-Furjana.*

biex niċċajta...




**Ir-raġuni vera ghaliex id-dinożawri spiċċaw!**

***Mal-ħarġa tal-Ħuttafa li jmiss: Checklist ta' l-Għasafar ta' Malta!***

**KEMMUNET**

## Daħħal membru ġdid fi Klabb Ħuttaf u int tieħu

- Tliet pitazzi
- Stiker bil-kulur
- 8 punti fil-Ħuttafa tas-Sena



Ħajjar ħbieb, aħwa u kuġini jidħlu fi Klabb Ħuttaf, agħtihom kopja ta' dil-formola biex jimlewha, imla isfel nett id-dettalji tiegħek stess, u ibgħat kollox lil BirdLife Malta, flimkien mal-Lm2 tal-membru l-ġdid.




**Dettalji tal-membru l-ġdid**

Isem ______
Indirizz ______
______ postcode ______
Data tat-twelid ______ Telefon ______ email ______

**Dettalji tiegħek stess**

Isem ______
Indirizz ______
______ postcode ______
Membership number ______ Telefon ______ email ______

Ibgħat kollox lil BirdLife Malta 57/28 Triq Rigord Ta' Xbiex MSD 12
Tibgħatx flus bil-posta - ibgħat ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta) jew 34 bolla tas-6ċ

Tqattax il-magażin - ħu fotokopja! Tqattax il-magażin - ħu fotokopja!

Tridu kopja tal-Kalendarju speċjali tal-BirdLife? Ċemplu 21347646 (jew ibagħtu email lil info@birdlifemalta.org).
Imma aħjar tħaffu...

